# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 1 ta' Marzu 2022**

**Numru**

**Rikors Numru 318/2020 TA**

**Mariama Ngady Parsons,**

**Detentriċi tal-passaport ta'Sierra Leone Numru ER 008498**

**vs**

**L-Agenzija ghal Protezzjoni internazzjonali,**

**It-Tribunal tal-Appell dwar Protezzjoni Internazzjonali,**

**Il-Ministru tal-Intern, Sigurta' Nazzjonali u Infurzar tal-Ligi**

**U**

**L-Avukat tal-Istat**

**I-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Mariama Ngady Parsons (ir-rikorrenti) tat-28 ta' Diċembru 2020 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti kienet applikat mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għar-Refuġjati biex tottjeni status ta' rifuġjata ġewwa Malta fit-28 ta' Mejju 2018 (REFCOM 23589) u dan skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 420 tal-Liġi ta' Malta, l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali;

2. Illi r-rikorrenti irceviet korrispondenza fis-17 ta' Diċembru 2020 fejn ġiet informata li t-talba tagħha kienet ġiet miċħuda u dan minħabba li skond l-Agenzija għal Protezzjoni Internazzjonali din it-talba kienet manifestament infondata;

3. Illi kopja ta' din il-korrispondenza qed tiġi annessa u mmarkata bħala Dok. A.

4. Illi fl-24 ta' Diċembru 2020, ir-rikorrenti rċeviet korrispondenza ulterjuri mingħand iċ-Chairperson tat-Tribunal tal-Appell dwar il-Protezzjoni Internazzjonali fejn ġiet mgħarrfa li t-Tribunal kien qed jaqbel mad-deċiżjoni li ttieħdet mill-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali u skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 23(4) tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali caħħad lir-rikorrenti d-dritt li tintavola appell mid-deċiżjoni meħuda fil-konfront tagħha, la quddiem it-Tribunal intimat u lanqas quddiem ebda Qorti oħra;

5. Illi kopja ta' din il-korrispondenza wkoll qed tiġi annessa u mmarkata bħala Dok. B:

6. Illi id-deċiżjoni meħuda mit-Tribunal intimat hija nulla u bla effett stante li:

7. Illi d-dispozizzjoni tal-Artikolu 23(4) li permezz tagħha r-rikorrenti ġiet imċaħħda mid-dritt tagħha li tappella kontra d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata hija waħda arbitrarja u leżiva għad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kemm a bażi tad-dritt ta smiegħ xieraq kif ukoll ta' protezzjoni minn diskriminazzjoni u aċċess għall-Qrati;

8. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-korrispondenza sopraċitata mmarkata bħala Dok. B m'hijiex konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 23(5) u għaldaqstant ma' tistax tiqies bħala ammissibbli ai termini tal-istess Artikolu 23:

9. Illi din il-korrispondenza ma' tinkludi ebda raġuni għalfejn iċ-Chairperson tat-Tribunal intimat kien qed jaqbel mad-deċiżjoni li ttieħdet mill-Aġenzija intimata u dan kuntlarjament għal dak li hu stipulat fl-Artikolu 23(5):

10.Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-dispożizzjoni sopraċitata fl-Artikolu 23 tal Kapitolu 420 hija kontra l-Artikolu 32(a) u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

11. Illi din id-dispożizzjoni hija wkoll kontra l-Kapitolu 319 tal-Liġi ta' Malta, l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea:

12. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-dispożizzjoni tal-Artikolu 23(4) hija manifestament kontra l-Artikolu 47 tat-Trattat Ewropew tad-Drittijiet Fundamentali u 1-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali;

13. Illi minbarra dan, l-Artikolu 7(1A)(a)(1) tal-Kapitolu 420 tal-Liġi ta'' Malta jipprovdi b'mod espliċitu li jista' jsir appell quddiem it-Tribunal intimat meta applikazzjoni titqies li hija inammissibbli skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 24 tal-istess Att:

14. Illi minkejja dan, 1-Artikolu 7(1A)(a)(2) jipprovdi li f'każi li applikazzjonijiet titqies li hija inammissibbli, ir-reviżjoni taċ-Chairperson tat-Tribunal tal-Appell dwar il Protezzjoni Internazzjonali titqies li hija ekwivalenti għal appell;

15. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, din id-dispożizzjoni tmur kontra il-prinċipji ta' ġustizzja naturali, senjatament id-dritt ta' *audi alteram parte u nemo judex in causa sua;*

16. Illi it-Tribunal intimat ma' jistax jitqies li jista' jirrappreżenta lir-rikorrenti minħabba li xogħol it-Tribunal huwa li jevalwa d-deċiżjoni meħuda mill-Aġenzija intimata u mhux biex jagħmel il-proċess ta' reviżjoni huwa nnifsu mingħajr ma' jagħti lir-rikorrenti l opportunita' li tipprovdi s-sottomissjonijiet tagħha;

17. Illi f'dan is-sens, żgur illi 1-Tribunal intimat ma jistax jitqies bħala awtorita' ġudikanti indipendenti u newtrali al termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad Drittijiet tal-Bniedem u il-Libertajiet Fundamentali.

18. Illi in oltre, dan jikkostitwixxi kur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u vjolazjoni flagranti tal-prinċipji fundamentali sopraċitati hekk kif il-funzjoni tat-Tribunal f' dan is-sens huma vjolattivi tad-dritt għal smiegħ xieraq;

19. Illi f'tali ċirkostanza hemm bl-aktar mod sħiħ nuqqas ta' parita tal-armi. Dan huwa rifless fil-fatt illi d-deċiżjoni tat-Tribunal intimat hija finali u meħuda abbażi ta' informazzjoni li tingħata unikament mill-Aġenzija intimata, bir-rikorrenti tkun imċaħħda mid-dritt li tipprovdi sottomissjonjiet u tattakka d-deċiżjoni tal-Apenzija intimata;

20. Illi aktar minn hekk u mingħajr preġudizzju għas-suespost. 1-Artikolu 23(3) tal-Kapitolu 420 jipprovdi li din ir-reviżjoni miċ-Chairperson tat-Tribunal intimat trid issir fi żmien tlett (3) ijiem ta' xogħol. Illi huwa evidenti li dan il-perijodu huwa restrittiv wisq biex isir kif jixraq, l-aktar meta jiġi kunsidrat li l-proċess tar-rikorrenti dam għaddej quddiem l-Aġenzija intimata għal aktar minn sentejn;

**Għaldaqstant**, ir-rikorrenti titlob bir-rispett til din l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġunijiet hawn fuq premessi, tgħaddi biex takkorda r-rimedji kostituzzjonali kollha spettanti lir-rikorrenti, foshom:

1. Tiddikkjara li l-Artikolu 23 tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjoni jikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fil-Kostituzzjoni ta' Malta senjatament l-Artikoli 32(a) u 39(2) u għalhekk huwa null u bla effett in kwantu anti-kostituzzjonali:

2. Tiddikkjara li l-Artikolu 23 tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali jikser 1-Artikolu 47 tat-Trattat Ewropew tad-Drittijiet Fundamentali u l-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali;

3. Tiddikkjara li 1-korrispondenza mmarkata bħala Dok. B mit-Tribunal intimat ma' tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 23(5) tal-Kapitolu 420 u għaldaqstant ma tistax tiqies bħala ammissibbli ai termini tal-istess Artikolu 23 u għaldaqstant hija nulla u bla effett;

4. Tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal intimat fil-konfront tar-rikorrenti datata 17 ta' Diċembru 2020 notifikata lir-rikorrenti fl-24 ta' Diċembru 2020;

5. Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti id-direttivi li tqis xierqa sabiex tizgura t-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem tar-rikorrenti u taghti kull rimedju xieraq, inkluz dak li tkun tista tappella mid-decizjoni tal-Agenzija intimata u t-Tribunal intimat, sabiex tali lezjoni tkun indirizzata

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat ir-risposta tal-intimati Awtoritajiet u l-Avukat tal-Istat (l-intimati) tat-13 ta' Jannar 2021 li permezz tagħha wieġbu is-segwenti:

Illi l-eċċezzjonijiet tal-esponenti hawn taħt elenkati qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:

Illi l-ilment tar-rikorrent huwa fis-sens illi l-artikolu 23 tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta jilledi l-artikolu 32 (a) u 39 (2) tal-Kostituzzjoni; l-artikolu 23 tal-istess Kap jikser l-artikolu 47 tat-Trattat Ewroprew tad-Drittijiet fundamentali u l-artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea; li d-deċizjoni tal-International Protection Appeals Tribunal tas-17 ta' Diċembru 2020 mhux konformi mar-rekwiżit tal-artikolu 23 tal-Kap. 420 u b'hekk talab illi titħassar u tiġi irrevokata d-deċiżjoni tat-Tribunal u toħroġ dawk l-ordinijiet xierqa u tagħti kull rimedju xieraq lir-rikorrent;

Illi l-esponenti jissottomettu li l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:-

1. Illi r-rikorrent qegħda tattakka deċiżjonijiet amministrattivi meħuda mill-konvenuti talli ġiet miċħuda t-talba, u allura hija messa niediet azzjoni taħt l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex tħassar dawk id-deċiżjonijiet amministrattivi, jekk huwa tassew minnu dak li qed tgħid ir-rikorrent li dawk id-deċiżjonijiet ittieħdu b'mod arbitrarju, abbużiv u bi ksur tal-liġi;

   Billi għalhekk ir-rikorrent kellha f'ideja rimedji ordinarji biex jindirizza l-ilmenti tiegħu, huwa l-każ li din l-Onorabbli Qorti toqgħod lura milli tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha skont l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi in linea preliminari, l-għoti jew ċaħda ta' status ta' refuġjat (ai termini tal-artikolu 8 tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta) kif wkoll l-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-420 tal-Liġijiet ta' Malta ma taqax fil-mansjonijiet u r-responsabbilitajiet tal-Ministru tal-Intern, Sigurta' Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi li konsegwentement mhuwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrent u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju oltre l-fatt li a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. Illi in linea preliminari, it-Tribunal tal-Appell dwar il-Protezzjoni Internazzjonali m'huwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet odjerni *stante* illi r-rimedju tal-parti li tħossha aggravata hija illi tintavola kawża in kontradittorju tal-kontroparti li ċertament m'huwiex it-Tribunal intimat, b'konsegwenza naturali li jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

4. Illi inoltre t-Tribunal intimat huwa żbaljatment ċitat, fis-sens li t-Tribunal propjament jissejjah it-Tribunal tal-Appell għall-Protezzjoni Internazzjonali.

5. Illi l-esponenti jeċepixxu illi l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jeskludi azzjoni kostituzzjonali sabiex jkun hemm dikjarazzjoni ta' lezjoni tal-artikolu 32 (a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Konsegwentament din it-talba hija rrita u nulla;

6. Illi l-esponenti jeċepixxu n-nuqqas ta' applikabbilita' tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-każ odjern *stante* illi applikazzjoni għas-status ta' refuġjata ma jinkwadarax *in the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him*;[1]

7. Illi l-esponenti jeċepixxu illi l-artikoli 7 (1A) (a) (1) u 7 (1A) (a) (2) tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta invokati mir-rikorrent huma inaplikabbli fil-kas odjern ġialadarba l-applikazzjoni intavolata mir-rikorrent għas-status ta' refugjata ġiet ddikjarata mill-esponent l-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali bħala manifestament infondata. Konsegwentament il-proċedura envista fl-artikoli 7 (1A) (a) (1) u 7 (1A) (a) (2) tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta li tipprevedi rifjut għaliex applikazzjoni hija 'inammissibbli' m'għanda ebda applikazzjoni fil-kas odjern ġialadarba l-applikazzjoni tar-rikorrent ġiet iddikjarata bħala manifestament infondata. Tenut kont dan, dawn l-artikoli m'għandhom jkollhom ebda rilevanza fil-kuntest odjern, anke fid-dawl tal-fatt illi applikazzjoni manifestament infondata hija għal kollox differenti proċeduralment minn applikazzjoni inamissibbli, u l-liġi tipprovdi għal dawn iż-żewġ tipi separatament.

8. Illi l-esponenti jeċepixxu illi t-talba tar-rikorrent sabiex dina l-Onorabbli Qorti ssib ksur tal-artikoli 47 tat-Trattat Ewoprew tad-Drittijiet fundamentali u tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea hija pależament improponibbli għas-sempliċi fatt illi permezz tar-rimedju ordinarju taħt l-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif wkoll permess tal-kawża kostituzzjonali odjerna hija għandha aċċess għal diversi rimedji a disposizzjoni tagħha. Konsegwentament din it-talba għandha tiġi skartata;

9. Illi l-esponenti jeċepixxu li fi kwalunkwe li għal dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigħ xieraq, il-Qrati tagħna kif ukoll ta' Strasburgu dejjem irritenew illi sabiex japplikaw l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja rispettivament jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex jiddeterminaw jekk kienx hemm ksur tal-

1

jedd ta' smigħ xieraq, iridu jqisu l-proċess kollu kemm hu fl-assjem tiegħu. Dan ifisser li l-Qorti ma tistax u m'għandhiex tiffoka fuq biċċa waħda mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu jekk issib xi nuqqas tasal għall-konkluzjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd għas-smigh xieraq (ara **Adrian Busietta vs Avukat Generali** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu 2006 u **Dimech v. Malta** deċiża mill-Qorti Ewropeja fit-2 ta' April 2015);

10. Illi magħdud mas-suespost, l-esponenti ser jelenkaw il-fatti saljenti marbuta mal-applikazzjoni għal status ta refugjata tar-rikorrent:

    Illi r-rikorrent ilmentat mal-Agenzija ghal protezzjoni Internazzjonali illi hija ppersegwitata minn familta sabiex jsiru fuqha mutilazzjoni ġenitali u sabiex tiżżeweġ lill-għalliem tagħha ta' bil-fors. Illi minkejja, dawn l-allegazzjonijiet, waqt l-intervisti magħmula lilha, l-esponent sab diversi kontradizzjonijiet. Ir-rikorrent tgħid illi ħarbet mid-dar darbtejn imma tindika żewġ postijiet differenti fejn kienet id-dar tagħha. Ir-rikorrent tgħid illi hija harbet fl-2003 sabiex tevita t-trattament deskrit fis-suespost imma minkejja dan għexet għal sebgha (7) snin oħra fl-istess raħal, marret l-iskola hemmhekk u ħadmet wkoll fl-istess raħal mingħajr persekuzzjoni. Meta ġiet mistoqsija jekk rriskontratx xi problemi fis-soċjeta' tgħid illi ma tiftakarx. Tgħid pero illi hija dejjem rritornat b'mod volontarju lura għand familta'. Illi anki wara t-tieni 'harba' fl-2012, hija rritornat fl-2016 għand missiera mingħajr ebda problema. Meta mistoqsija dwar ir-ritorn tagħha fis-Sierra Leone, r-rikorrent tagħti risposti vagi dwar jekk huwx ser tkun f'periklu imminenti.

    B'żieda ma dan, il-fatt illi hija kkonvertiet għal kattolicezimu fl-2016 ġewwa Malta, hija ma spjegajtx għalfejn din il-konverzjoni tpoġġiha f'periklu ġewwa s-Sierra Leone. Is-Sierra Leone tħaddan il-prinċipju ta' liberta' illi persuna jippratika r-reliġjon tal-għażla tiegħu.

    Illi qari sempliċi tal-evaluation report wieħed jifhem illi r-rikorrent tagħti storja kontradittorja u konfuzjonali u li ċertament l-esponent aġenzija kienet korretta meta kkonkludiet illi l-applikazzjoni kellha tiġi rrigettat bħala manifestament infondata għaliex l-applikanta pprovdiet informazzjoni mhux sufficjenti u lanqas evidenza sabiex tisustanzja l-ilmenti tagħha. Aktar minn hekk, s-storja tagħha hija inkonsistenti, kontradittorja u fattwalment impossibbli.

    Illi kopja tal-evaluation report datat 9 ta' Novembru 2020 u kopja tal-intervisti magħmula lir-rikorrent qiegħdin jiġu annessi u mmarkati bħala Dok '**IPA 1'** u Dok '**IPA 2**' rispettivament.

11. Illi l-esponenti jeċepixxu illi l-artikolu 23 tal-Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta jestablixxi procedura kongruwa mad-dettami tal-ġustizzja naturali kif wkoll mal-linji gwida tal-isitutuzzjonijiet tal-Ewropa u huwa intiż sabiex jiġi evitat abbuż f'applikazzjonijiet ta natura serja bħal m'hija dik ta' status ta refuġjat meta tali applikazzjonijiet jkunu intiżi biss sabiex jiġi pprolungat dritt jew *stay* ġewwa pajjiż <u>meta l-applikant m'għandu ebda bażi sabiex jakkwista tali dritt</u>.

12. Illi l-esponent aġenzija teċepixxi illi l-eżami li jkun sar mill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali jkun jinvolvi minnu nnifsu eżami tal-applikant u għalhekk mhuwiex meħtieg li l-applikanta terga' tinstema mit-Tribunal innifsu jew li tressaq provi ġodda, ladarba t-Tribunal, bħala sede t'appell ikun qed jiddeċiedi fuq dawk l-istess provi li tkun ressqet l-applikanta. Dwar dan il-punt l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Gustizzja Ewropea ta' *Alheto2*. Il-Qorti kkunsidrat illi

*"114. …the requirement for a full and ex nunc examination implies that the court or tribunal seised of the appeal must interview the applicant,* ***unless it considers that it is in a position to carry out the examination solely on the basis of the information in the case file, including, where applicable, the report or transcript of the personal interview before that authority*** *(see, to that effect, judgment of 26 July 2017, Sacko, C-348/16, EU:C:2017:591, paragraphs 31 and 44). …*

*115. The words 'where applicable', contained in the limb of the sentence 'including, where applicable, an examination of the international protection needs pursuant to directive [2011/95]', underline … the fact that* ***the full and ex nunc examination to be carried out by the court need not necessarily involve a substantive examination of the need for international protection and may accordingly concern the admissibility of the application for international protection, where national law allows pursuant to Article 33(2) of Directive 2013/32.*** *" (emphasis added)*

*Il-Qorti kompliet izzid illi:*

*Where the determining national authority (which, in Malta's case, is the Office of the Refugee Commissioner) has declared an application inadmissible due to the application of the "first country of asylum" principle under Article 35 of the Directive, the court or tribunal required to review that decision is not obliged to hear the applicant, as long as s/he has already been heard by that authority:*

*"126. It must be held, in that regard, that, in the event that the ground of inadmissibility examined by the court or tribunal hearing the action was also examined by the determining authority before the document contested in the action was adopted,* ***that court or tribunal may rely on the report of the personal interview conducted by that authority without hearing the applicant, unless it considers it necessary****.*

Joħroġ ċar illi l-qorti jew tribunal li jirrevedu l-applikazzjoni mhumiex marbuta li jagħmlu eżami tal-mertu, jew li jisimgħu lill-applikant, iżda jistgħu jagħmlu dan biss a diskrezzjoni tagħhom. B'mod partikolari, fejn l-Aġenzija

[2] *Court of Justice of the European Union (CJEU), fis-sentenza* ***Case C-585/16 Alheto*** *delivered by the Grand Chamber on 25 July 2018*

tkun għamlet hija nfisha eżami tal-fatti tal-każ (bħal ma ġara propju f'dan il-każ), eżami sħiħ u *ex nunc* tal-fatti mhuwiex meħtieg minn Artikolu 46 (3) tad-Direttiva 2013/32, u dan hekk kif insenjat mill-Qorti tal-Gutizzja Ewropea.

Illi l-artikolu 23 et seq. tal-Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta huwa artikolu li ma jmurx kontra d-dettami tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u/jew tat-trattat dwar id-drittijiet fundamentali tal-bniedem u li l-Qrati għalhekk ġja kellhom l-opportunita jistħarġu dan kollhu;

13. Illi tenut kont is-suespost wkoll, l-esponent jeċepixxi illi l-artikolu 23 (5) tal-Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta ġie ssodisfat ġialadarba it-Tribunal intimat immotiva r-raġuni tiegħu billi kkonċeda li l-applikazzjoni hija legalment manifestament infondata. Kif ingħad, "***the full and ex nunc examination to be carried out by the court need not necessarily involve a substantive examination of the need for international protection <u>and may accordingly concern the admissibility of the application for international protection, where national law allows pursuant to Article 33(2) of Directive 2013/32."</u>***

14. Illi d-deċiżjoni tal-esponent Tribunal hija waħda korretta u mhux anti kostituzzjonali *stante* illi l-Qrati nostrani kif wkoll ewropej diġa kellhom l-opportunita' jiddikjaraw illi tali proċedura hija konformi mal-prinċipji legali ċċitati;

15. Illi jsegwi li l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda;

16. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

17. Bl-ispejjeż.

Rat l-atti u dokumenti kollha

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet.

Rat li r-rikors tħalla għall-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Ir-rikorrenti fit-28 ta' Mejju 2018 għamlet applikazzjoni biex tikseb l-istat ta' refuġjata u dan skond kif jiddisponi l-Kap 420 tal-liġijet ta' Malta . Fis-17 ta' Diċembru 2020 ingħatat tweġiba bil-miktub mill-Aġenzija intimata li l-

appikazzjoni tagħha ma ġietx aċċettata għax kienet manifestament infondata. Dan sar permezz ta' ittra datata 29 ta' Novembru 2020 (a' fol 5).

Sussegwentement, permezz ta' ittra datata 24 ta' Diċembru 2020, ġiet infurmata mic-Chairperson tat-Tribunal tal-Appelli dwar il-Protezzjoni Internazzjonali (it-Tribunal), li d-deċiżjoni tal-Aġenzija ġiet konfermata. Fl-ittra inkwistjoni issir referenza għall-artikoli 23(3) tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta (a' fol 6). F'dan ir-rigward r-rikorrenti tilmenta li b'din id-deċiżjoni hi ġiet imċaħħda mid-dritt ta' Appell quddiem l-istess Tribunal kif ukoll milli tirrikorri għal rimedju quddiem il-Qrati ordinarji.

Minħabba f'hekk ir-rikorrenti qed tikkontendi li din id-deċiżjoni hija nulla u mingħajr ebda effett għar-raġunijiet li tressaq fir-rikors promotur tagħha.

**Punti ta' Liġi**

B'dan il-proċeduri r-rikorrenti qed tittenta tottjeni dikjarazzjoni minn din il-Qorti tal-ksur tad-Drittijiet Fundamentali tagħha minħabba dak fuq spjegat ġew leżi:

1. Artikolu 23 tal-Kap 420 (l-Att) jiksru l-artikoli 32(a) u 39(2) tal-Kostituzzjoni.

2. L-artikolu 47 tat-Trattat Ewropew tad-Drittijiet Fundamentali u l-artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni .

   u

3. Li l-konklużjoni tat-Tribunal tonqos milli tosserva ir-rekwiżiti tal-artikolu 23(5) tal-Att.

Il-Qorti għalhekk qed tintalab li tikkonsidra erbgħa kategoriji ta' ilmenti.

A. Dawk li jirrigwardaw it-Trattat Ewropew (it-Trattat) fuq isemmi.

B. Dawk li jirrigwardaw l-inosservanza tar-rekwiżiti da parti tat-Tribunal ta' l-arikolu 23(5).

C. Ksur tad-drittijiet fundamentali elenkati f'artikolu 32 tal-Kostituzzjoni.

D. Ksur tal-artikoli 39(2) u artikoli 6 u 13 tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni rispettivament.

Għalhekk din il-Qorti ser tkun qed tikkonsidra dawn l-ilmenti f'din l-ordni wara li jiġu epurati xi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari sollevati minn uħud mill-intimati inkwantu qegħdin isostnu li ma humiex il-leġittimi kontradittur.

**Konsiderazzjonijiet**

*Il-Ministru tal-Intern u t-Tribunal ma humiex leġittimi kontradittur*.

Dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati inkwantu jirrigwarda lit-Tribunal din il-Qorti tagħmel riferenza għas-**Sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Sadek Mussa Abdalla vs Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati u l-Avukat Ġenerali, deċiża fit-22 ta' Ottubru 2013**. Fil-kuntest ta' proċeduri simili għal dawk odjerni , il-Qorti sabet illi għalkemm tkun qiegħda tiġi attakata deċiżjoni tat-Tribunal , dan nnifsu ma jistgħax jiġi mħarrek bħala konvenut.

F'din is-Sentenza inqal hekk : '

*The Board – in its function as a quasi-judicial tribunal – enjoys the same protection accorded to ordinary courts in accounting for the exercise of their*

*judicial functions, unless it can be shown that such tribunal or board has acted in a fraudulent manner. This is not to say that the exercise of those functions is not subject to judicial scrutiny: it means that those tribunals themselves may not be cited in proceedings. This protection is extended to the persons who sit on such tribunals, although in certain cases this immunity is lifted where it transpires that they have acted in breach of the procedures set up at law for that particular tribunal, or where such person has acted in a discriminatory manner or where the actions of such person amount to a breach of the aggrieved party's fundamental rights. The reasoning behind such an immunity lies in guaranteeing the independence they require to exercise their judicial functions, rather than in* providing *them with a preferential privilege".*

Però kif kompliet tgħid il-Qorti fis-sentenza ċitata, l-fatt illi l-kawża m'hijiex proponibbli fil-konfront tat-Tribunal ma jfissirx illi ma tistax titkompla fil-konfront tal-intimat l-ieħor l-Avukat Generali, illum l-Avukat Tal-Istat . Dan intqal fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili li jipprovdi b'mod ċar f'subartikolu (2) illi L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħux jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.

Fis-Sentenza fl-ismijiet **Abera Woldu Hiwot et vs Profs. Henry Frendo et nomine, deċiża fil-15 ta' Ottubru 2002** intqal ukoll li dawn ix-xorta ta' azzjonijiet jistgħu jsiru biss kontra l-Avukat Tal-Istat f'isem il-Gvern ta' Malta. Id-dmir illi joħloq l-istrutturi meħtieġa sabiex jitħarsu l-art.39 tal-Kostituzzjoni ta'

Malta u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem huwa dmir ta' l-Istat.

Jekk dik l-istruttura mwaqqfa mill-Istat tonqos milli twettaq il-ħarsien tal-jeddijiet fondamentali jkun l-istat li jwieġeb għal dak in-nuqqas. It-Tribunal innifsu, fl-interess ta' l-indipendenza tiegħu , li wkoll hija kwalità meħtieġa għall-ħarsien tal-jeddijiet fondamentali, ma jistax jissejjaħ biex iwieġeb għall-għemil tiegħu. Dan ifisser li kontradittur leġittimu skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 181B(2) huwa l-Avukat Tal-Istat f'isem il-Gvern ta' Malta …' (Ara ukoll **Sentenza fl-ismijiet Mallia noe et -vs- Debono deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Frar 1997**).

Dak li ngħad hawn fuq, salv għall-kwalitajiet li jappartjenu lit-Tribunal fil-funzjoni kważi ġudizzjarja tiegħu, huwa similment applikabbli għall-Ministru tal-Intern Sigurta' Nazzjonali u Infurzar tal-Liġi. Il-Qorti tirrileva li r-irkorrenti qiegħdha fl-ewwel lok tattakka il-validita' intrinsika ta' liġi dan ifisser li anke hawn huwa applikabbli l-artikolu 181B(2) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Di piu' l-Intimat Ministru ma jistax iwieġeb għal deċiżjonijiet u deliberazzjonijiet ta' l-Awtoritajiet u Tribunali li fin-natura tal-funzjoni tagħhom huma maifestament awtonomi u indipenedenti bħal korpi kważi ġudizzjarji minn kull fergħa tal-Esekuttiv. Anke hawn japplika l-prinċipju tas-Seperazzjoni tal-Poteri. Il-fatt li skond L-Att ċertu rapporti jridu jintbagħtu lill-Ministru, dan ma jirrendiex l-awtonomija ta' dawn il-korp dipendenti fuq l-Esekkuttiv.

Kwantu jirrigwarda l-intimat Avukat tal-Istat ma hemmx raġunijiet għalfejn dawn ma jitqisux bħala l-leġġittimi kontradditturi, tant li fir-risposta tal-intimati,

ma tqanqlet ebda eċċezzjoni f'dan is-sens. Dan ifisser li fil-waqt kemm it-Tribunal u kif ukoll il-Ministru ser ikunu qegħdin jiġu lliberati, mhux hekk fil-każ tal-Avukat tal-Istat u l-Aġenzija.

*Ksur tal-artikolu 47 tat-Trattat Ewropew tad-Drittijiet talk-Bniedem.*

Fost l-ilmenti tagħha ir-rikorrenti isostni li l-artikolu 23 tal-Att jikser ukoll l-artikol 47 tat-Trattat. Dan l-artikolu jiddisponi hekk :

*Id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali*

*Kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha gar-ntiti mil-liġi ta' l-Unjoni jiġu vjolati għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu. Kull persuna għandha d-dritt għal smigħ ġust u pubbliku fi żmien raġjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi.*

*Kull persuna għandu jkollha l-possibbiltà li tieħu parir, ikollha difiża u tkun irrappreżentata. Għandha tingħata għajnuna legali lil dawk li ma jkollhomx mezzi biżżejjed, fil-każijiet fejn din l-għajnuna hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja.*

Peor' dan l-artikolu irid jinqara fil-kuntest ta' artikolu 52(5) li jiddisponi hekk:

*Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Karta li fihom prinċipji jistgħu jiġu implimentati b'atti leġislattivi u eżekuttivi meħuda mill-Istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni, u b'atti ta' l-Istati Membri meta dawn ikunu qegħdin jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi rispettivi tagħhom. Ma jistgħux jiġu*

*invokati fil-qorti ħlief għall-iskop ta' l-interpretazzjoni u d-determinazzjoni tal-legalità ta' dawn l-atti.*

Ghalhekk , dwar l- applikabbilita' ta' dan l-artikolu fid-dawl tad-disposizzjoniji appena imsemmija intqal hekk:

*In this way, those rights that are 'principles' are deemed incapable of creating any directly enforceable rights. Unfortunately, however, Article 52(5) does not clearly distinguish which provisions are to be interpreted as 'rights' and which as 'principles'. It is often suggested that 'principles' refer to economic, social and cultural rights, although in fact only three provisions in the Charter explicitly use the word 'principle'Article 23 (principle of equality between men and women); Article 37 (sustainable development) and Article 47 (proportionality and legality of criminal offences). The Explanations are not of great help, especially as they note that some Articles may contain both rights and principle for example, Articles 23, 33 and 34. So the distinction remains rather unclear* (Ara **The European Union and Human Rights after the Treaty of Lisbon by Sionaidh Douglas-Scott, Human Rights Law Review 11:4(2011) , pg 652. Oxford University Press**).

Dan iffisser li ma huwiex ċar jekk dak li jennunċja dan it-Trattat huwiex kwistjoni ta' drittijiet kif nifhmuhom ġuridakment jew prinċipji li għandhom ikunu segwiti minn kull pajjiż kommunitarju.

Iżda dak li jippreokkupa lil din il-Qorti fir-rigward ta' din il-lanjanza partikolari, hija kwistjoni ta' natura proċedurali aktar milli waħda sostanzjali. Il-

leġislazzjoni tagħna tirrikonoxxi li l-mezz li għandha tkun promossa azzjoni kostituzzjonali sa fejn jirrigwarda ksur ta' dritt taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huwa r-rikors. Dan joħroġ ċar mir-regolament 2 tal-L.S.12.09 li jiddisponi hekk:

*l-procedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti civili li jsiru skond l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u skond l-artikolu 4(1) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u l-procedimenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fil-kazijiet imsemmija fl-artikolu 95(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ghandhom jinbdew permezz ta' rikors.* (emfazi tal-Qorti).

Dan ifisser li kwalunkwe azzjoni oħra, anke jekk f'sens ġeneriku tolqot kwistjoni ta' portata kostituzzjonli, li ma tkunx ksur kostituzzjonali jew konvenzjonali trid tinbeda b'rikors ġuramentat. Dan qiegħed jingħad, għaliex tenut kont ta' dak li jipprovdi l-artikolu 154 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, sakemm il-liġi ma tipprovdix mod ieħor , kif fil-fatt jagħmel ir-regolament 2 fuq imsemmi fir-rigward ta' ksur ta' dritt fundmentali taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, kull azzjoni oħra trid tinġieb bil-formalita' tar-rikors ġuramentat.

Li kieku wieħed kellu jistaqsi jekk jistax dak li jkun irressaq ksur tat-Trattat biss inkwistjoni *ut singuli* permezz tar-rikors, ir-risposta hija fin-neggattiv. Il-liġi tordna li r-rikors ikun l-proċedura ordinarja li biha tibeda kull azzjoni sakemm xi liġi speċjali ma tipprovdiex mod ieħor. Tant dan huwa minnu, li l-liġi tikkomina n-nullita' tal-att jekk dak għandu jiġieb b'rikors ġuramentat jsir b'rikors pero' mhux il-kuntrarju. Di fatti artikolu 164 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jgħid hekk :

*(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 175, ikun hemm nullità jekk kawża illi jmissha tinġieb b'rikors ġuramentat jew b'rikors ta' appell minflok tinġieb permezz ta' xi att ġudizzjarju ieħor.*

*(2) Ma hemmx nullità jekk kawża illi jmissha tinġieb b'rikorsminflok tinġieb b'rikors ġuramentat:*

*Iżda kull żieda addizjonali li ssir fl-ispejjeż għandha titħallas mill-attur:*

*Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom japplikaw meta skont xi liġi oħra li ma tkunx dan il-Kodiċi l-proċedimenti għandhom jinbdew b'rikors.*

Għalhekk il-Qorti tissoleva , li sa fejn jirrigwarda l-anjanza tar-rikorrenti rigwarda l-artikolu 47 tat-Trattat din ma tistax tinlaqa'. Huwa prinċipju ta' ordni pubbliku , senjatament għall-kwistjonijiet ta' natura proċedurali, jobbligha li tissolleva kwistjoni bħal din minn jhedda. Hekk ingħad fis-Sentenza fl-ismijiet **Grech -vs- Saglimene et deċiża fid-9 ta' April 1992 mill-Qorti tal-Kummerċ**. Prinċipju li ġie ribadit fis-**Sentenza fl-ismijiet Gatt vs Debono et tat-2 ta' Frar 1990 mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili** fejn intqal hekk:

"*Skont il-prinċipji tal-Ġustizzja l-ebda Qorti m'għandha d-dritt li tissolleva eċċezzjonijiet ex officio, ħlief dawk li l-liġi stess timponi fuqha bħala dover, li huwa dejjem konness ma' xi kwistjoni tal-ordni pubbliku ...*" .

Hija l-ermenawtika li stabbilit li vertenzi ta' proċedura jikkonsistu fi kwistjoni ta' natura pubblika, u li konsegwentement tali kwistjonijiet jistgħu jiġu sollevati mill-ġudikant ex officio tant li fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Cefai Maurice et -vs-**

**Fenech Doris, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Novembru 2002**, intqal illi:

"*Huwa paċifiku illi l-liġi ta' proċedura 'si debbono osservare alla lettera e non per equipollens' (Vol. XVIII p.i p. 879). Dan għaliex il-proċedura hi konsidrata liġi ta' ordni pubbliku u in kwantu statwita mil-liġi ma tistax tiġi sostitwita bi proċedura oħra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. B'mod li l-eċċezzjoni relattiva jekk ma tiġix sollevata mill-parti l-oħra, jew tiġi rinunzjata, għandha tiġi mill-Qorti sollevata 'ex officio' (Vol. XXXVI, P.I, p.204; Vol. XLIV P.I, p. 421).*"

Fl-aħħar nett fis-**Sentenza fl-ismijiet Markiz Anthony Cassar Desain et -vs- Giovanni Pace et, Appell Ċivili, 15 ta' Ottubru 1965**, intqal li l-proċedura hi liġi ta' ordni pubbliku. Għalhekk ma jistax jiġi ammess li proċedura stabbilita mil-liġi tiġi sostitwita b'oħra, l-anqas bil-kunsens tal-parti opposta. L-eċċezzjoni relattiva, jekk ma tiġix sollevata, jew tiġi rinunzjata mill-parti l-oħra, għandha dejjem tiġi sollevata mill-Qorti. Li ma kienx hekk ikun hemm konfużjoni fil-formalita' tal-atti u skritturi bil-konsegwenza li tqiegħed fi kriżi l-organiżazzjoni tal-kawżi introdotti.

<u>*Ksur ta' artikolu 32(a) tal-Kostituzzjoni*</u>.

L-artikolu rilevanti tal-Kostituzzjoni għid hekk:

*32.Billi kull persuna f'Malta hija intitolata għad-drittijiet ulibertajiet fundamentali tal-individwu, jiġifieri, id-dritt, tkun xi tkun ir-razza, post ta' oriġini, fehmiet politiċi, kulur, twemmin,sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru*

*tagħha, iżda suġġett għar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn u tal-interess pubbliku, għal kull waħda u kollha kemm huma dawn liġejjin, jiġifieri-*

*(a) il-ħajja, libertà, sigurtà tal-persuna, it-tgawdija ta'proprjetà u l-protezzjoni tal-liġi.*

Dan l-artikolu irid jinqara fid-dawl ta' dak li jipprovdi artikolu 46 tal-Kostituzzjoni li jiddisponi fost ohrajn hekk:

*Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u(7) ta' dan l-artikolu, <u>kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin</u>) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġimiksura dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega,tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju.*

*(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura <u>t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin)</u> li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna.* (Emfazi tal-Qorti).

Huwa car li l-istess Kostituzzjoni teskludi l-inforzabbilita' ta' dan l-artikolu u dan kif jemergi b'mod għal kollox univoku mill-partijiet fuq sottolinejati. L-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni huwa wieħed prejambulari tant li id-drittijiet imsemmija fil-paragrafu (a) għandhom protezzjoni korrispondenti fl-artikoli l-oħra

sussegwenti. Fil-fatt dawn il-Qrati dejjem ħadu din il-posizzjoni u qalu li *f'dan il-kuntest jingħad li l-qorti taqbel massottomissjoni tal-intimati f'dan ir-rigward fis-sens li l- artikolu 32 tal-Kostituzzjoni mhuwiex wieħed enforzabbli taħt l-artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni li huwa l-artikolu li jagħti l-ġurisdizzjoni lil din il-qorti li teżamina ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem. Dan l-artikolu 46 infatti jsemmi biss id-drittijiet fundamentali elenkati fl-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni u allura t-talbiet tar-rikorrenti fuq dan il-punt qed jiġu miċħuda*. (Ara **Sentenza fl-ismijiet Joseph sive Joanne Cassar -vs- Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Prim Awla tat-28 ta' Gunju 2006**).

Għalhekk huwa ċar li fir-rigward ta'; din il-parti tal-lanjanzi tar-rikorrent , inkwantu tirreferi għal ksur ta' artikolu 32(a) tal-Kostituzzjoni din ser tkun miċħuda.

*L-inosservanza tar-rekwiżti da parti tat-Tribunal ta' l-artikolu 23(5).*

Fit-tielet talba ir-rikorrenti qed titlob li l-korrispondenza li irċeviet datata 17 ta' Diċembru 2020 tiġi dikjarata bħala mhux ammissibbli , nulla u bla effett peress li "*ma tissodsfax ir-rekwiziti tal-artikolu 23(5) tal-Kap 420 ta' Malta*."

Il-Qorti tibda mill-ewwel biex tinnota, li din it-talba hija xi ftit kontradittorja , peress li fl-ewwel talba l-istess rikorrenti trid li tottjeni dikjarazzjoni minn din il-Qorti li l-imsemmi artikolu qiegħed jikser id-drittijiet fundamentali kif spjegati f'dik it-talba. Jekk tintlaqa' l-ewwel talba, il-konsegwenza hi li it-tielet talba ma tistax tintlaqa' għax dak l-artikolu ser ikun dikjarat li jiksrilha id-drittijiet tagħha.

Minn naħa l-oħra , jekk l-ewwel talba ma tintlaqax, tkun riskontrata problema legali oħra: jekk talba bħal din tistax issir permezz tal-proċeduri odjerni jew jekk tassew dak li għid l-Avukat tal-Istat, talinqas f'dan ir-rigward, kienx hemm għalhekk disponibbli r-rimedji li jipprovdi l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-liġijiet, fis-sens , li t-Tribunal jkun iddeċieda *ultra vires* għaliex naqas milli josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil jew dak għemil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi.

Il-Qorti sinċerament tħoss li meta r-rikorrenti għamlet talba bħal din flimkien mal-ewwel u t-tieni tagħha , ikkonfondiet żewg azzjonijiet differenti. Waħda ta' natura prettament Kostituzzjonali , mentri l-oħra ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv. Separament it-tnejn jistgħu jsiru , iżda flimkien le, biss biss minħabba li r-rimedju li kull wahda toffri huwa għal kollox differenti. Biżżejjed jingħad, li f'azzjoni taħt artikolu 469A il-Qorti la tista' tagħti danni, salv f'sitwazzjonijiet partikolari u l-anqas tista' tissostitwixxi id-diskrezzjoni tal-Awtorita' mistħarrġa b'tagħha (Ara **Sentenza ta' l-1 ta' Marzu, 2004 fl-ismijiet Lawrence Borg nomine -vs- Gernatur Tal-Bank Centrali ta' Malta**).

Huwa manifestament ċar, li bit-tielet talba r-rikorrenti qed titlob it-tħassir tal-għemil amministrattiv għaliex ma jirrispettax dak li jiddisponi l-artikolu 23(5) tal-Kap 420, meta kif diġa' rilevat kontestwalment qed titlob li dan l-artikolu jikser id-drittijiet fundamentali tagħha. Fis-Sentenza tas-**16 ta' Jannar 2006 fl-ismijiet Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs il-Qorti Kostituzzjonali** qalet hekk:

*(a) l-ezistenza ta' rimedju iehor li ghandha tirrizulta bhala stat ta' fatt attwali u objettiv;*

*(b)li dan ir-rimedju jkun accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur lamentat;*

*(c) li biex rimedju jitqies effettiv m'hemmx ghalfejn li jintwera li dan se jaghti lir-rikorrent success garantit, imma jkun bizzejjed li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci.*

Din il-Qorti hija tal-fhema, <u>li limitatament għat-tielet talba</u> għal mod kif konfezzjonata u kif tiddistingwi lilha nnifisha mill-ewwel żewġ talbiet, l-Avukat tal-Istat għandu raġun meta għid li ir-rikorrenti kellha ir-rimedju ordinarju taħt artikolu 469A tal-Kap 12 tal-ligijiet.Pero huwa minnu wkoll, li l-uniku rimedju li jipprovdi dan l-artikolu huwa li l-għemil ammimistarattiv jiġi dikjarat null, salv għal ċirkostanzi speċifiċi u ristretti fejn jistgħu jingħataw id-danni. Imma dak li qed titlob ir-rikorrenti permezz ta' din it-talba huwa li l-għemil tat-Tribunal huwa *ultra vires* kif irid l-artikolu 469A. Għalhekk sa fejn jirrigwarda din it-talba , din il-Qorti ser tkun qed tiddeklina li teżerċita l-poteri tagħha lilha konferiti f'artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u kwindi ser tiċħadha.

*<u>Il-mertu</u>*

Qabel ma din il-Qorti tinvesti l-mertu tħoss li għandha tagħmel xi osservazzjonijiet dwar xi provvedimenti tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-provi li għandha quddiema, partikolarment mill-eżami li għamlet mill-analiżi li għamlet l-Aġenzija (a' fol 22), il-Qorti fhemet li l-applikazzjoni tqieset

bħala manifestament mhux fondata taħt para (e) tad-definzzjoni li tagħti din il-liġi ta' "Applikazzjoni manifestament infondata" u cioe':

*(e) l-applikant għamel b'mod ċar rappreżentazzjonijiet inkonsistenti u kontradittorji, li huma foloz jew ovvjament improbabbli li jikkontradixxu informazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini vverifikata, u b'hekk jidher ċar li t-talba tiegħu mhix konvinċenti fir-rigward ta' jekk jikkwalifikax bħala benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali.*

Jidher ukoll li il-każ tar-rikorrenti ġie trattat taħt artikolu 23(1). Dan huwa l-każ meta persuna li tfittex protezzjoni internazzjonali f'Malta skont l-artikolu 8 u li għandha tiġi eżaminata taħt proċeduri aċċellerati skont dan l-artikolu u cioe' meta l-applikazzjoni tkun tidher bħala waħda manifestament infondata.

Il-Qorti tosserva , li din proċedura tikkontrasta minn dik l-applikazzjoni ma titqies manifestament infondata. Meta minn naħa l-oħra l-applikazzjoni titqies bħala waħda mhux manifestament infondata din tiġi eżaminata taħt proċeduri normali skont ma hemm provdi l-Att (ara art 23(7). Di piu' f'dan il-każ, il-liġi tipprovdi <u>espressament</u> għad-dritt ta' assitenza legali meta ma hux il-każ taħt il-proċedura aċċelerata. B'mod xejn konsistenti , dan id-dritt jingħata taħt Titolu V tal-liġi intitolat *Proċeduri Aċċelerati* .

Il-Qorti tosserva li dan l-artikolu jipprovdi li *kull intervista mal-applikant taħt id-disposizzjonijiet <u>ta' qabel ta' dan l-artikolu</u> għandha, skont ma jkun meħtieġ, titmexxa bil-magħluq u bl-assistenza ta' interpretu. L-applikant għandhu wkoll jiġi mgħarraf bid-dritt li jkollu li jikseb is-servizz ta'konsulent legali biex jassistih*

*matul il-proċeduri aċċellerati u li jikkonsulta lill-Kummissarju Għoli.*Di piu, it-Tribunal tal-Appell Għall-Protezzjoni Internazzjonali kif kostitwit b'artiklu 6 tal-Att It-Tribunal għandu, skont ma jista' jkun jeħtieġ fil-każ partikolari, jagħmel arranġamenti biex jipprokura l-attendenza ta' interpretu biex jassisti waqt is-seduti. Din proċedura tapplika **biss** għall-proċeduri li ma humiex aċċelerati.

Di fatti artikolu 7(4) tal-Att fil-każ ta' proċedura mhux aċċellerati jiddisponi hekk :*Appellant ikollu d-**dritt għal għajnuna legali** bla ħlas taħt l-istess kondizzjoni-jiet li japplikaw għal ċittadini Maltin.*

*It-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali għandu, skont ma jista' jkun jeħtieġ il-każ partikolari, jagħmel arranġamenti biex **jipprokura l-attend-enza ta' interpretu** biex jassisti waqt is-seduti.*

*Appellant ikollu **d-dritt għal għajnuna legali** bla ħlas taħt l-istess kondizzjonijiet li japplikaw għal ċittadini Maltin.(5) It-**Tribunal jista' jagħmel smigħ orali** jekk jidhirlu li huwa xieraq. Seduti orali bħal dawn għandhom jinżammu fil-magħluq, **sakemm it-Tribunal ma jawtorizżax li seduta tkun pubblika, wara talba minn waħda mill-partijiet**, jew jekk it-Tribunal jidhirlu li jkun xieraq.*

***It-Tribunal għandu jitlob lill-applikanti li jagħmlu sottomissjonijiet bil-miktub** f'mhux aktar minn ħmistax (15)-il jum wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni tal-appell. Is-sottomissjoni għandha ssir mingħajr preġudizzju għall-preżentazzjoni ta'evidenza addizzjonali, partikolarment dokumentazzjoni li ma setgħetx tkun disponibbli meta kienet saret is-sottomissjoni matul il-proċeduri.*

*Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 23, it-Tribunal għandu jiżgura li kull każ jiġi konkluż fi żmien tliet xhur* ***mis-sottomissjoni tal-applikazzjoni tal-appell.***

Il-partijiet emfasiżżati minn din il-Qorti jindikaw għotja ta' drittijiet lill-appikant, li taħt is-sistema ta' smiegħ aċċelerat ma jesitux. Il-Qorti ma teskludiex li anke f'dan il-każ li t-Tribunal jieħu l-inizzjattiva. Iżda ħaġa l-vinkolu legali fil-każ ta' appell taħt artikolu 7(4) u ħaġa oħra l-inizzjattiva *ex marte propio* da parti tat-Tribunal fil-każ ta' proċedura aċċellerata taħt artikolu 23(3).

Għalhekk , din il-proċedura pjuttost eleborata f'każ li l-applikazzjoni ma jkunx manifestament infondata tikkontrasta ħafna minn dik ta' meta applikazzjoni titqies manifestament infondata taħt artikolu 23(4) tal-Att. Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax, li taħt dan l-artikolu partikolari, it-Tribunal, għalkemm jibqa' jissejjah bħal wieħed tal-Appelli, ma hux *stricto iure* hekk. Appell ikun tali meta dan ikun ugwalment disponibbli għal kull parti għall-vertenza in dibbattitu, bħal ma hu fil-fatt taħt l-artikolu 7(1) tal-Att.

Mentri Art 23 (3) jiddisponi , li d-deċiżjoni **għanda tiġi minnufih riferita** lill-Chairperson tat-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali li **għandu jeżamina u jirrevedi d-deċiżjoni** tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali fi żmien tliet ijiem tax-xogħol. Dan ifisser li r-referenza lit-Tribunal hija waħda unilaterali u awtomatika u mhux volontarja, sabiex issir reviżjoni u eżami tad-deċiżjoni. Għalhekk il-funzjoni tat-Tribunal ma hiex *stricto iure* bħala waħda ta' tieni istanza, iżda pjuttost waħda ta' konvalidazzjoni tal-ewwel deċizjoni. Il-persuna li tkun applikat ma għandha ebda sehem jew intervent f'din il-proċedura.

Charles Cassar Segretarju Tat-Tribunal, jpoġġi l-istampa tajba fl-affidavit tieghu . Dan jispjega hekk:

*"li l-ezercizzju tat-Tribunal f'kaz bhal dan ma hux il-forma tal-appell tradizzjonali u cioe; bis-smiegh fil-miftuh , trattazzjoni u bil-presenza tal-avukati u l-partijiet. Id-deċiżjoni bħala deċiżjoni ta' reviżjoni , tittieħed wara li ċ-Chairperson ikun ra u rreveda l-atti li jkunu ġew miġbura quddiem l-Awtorita' kkonċernata u ċioe' l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali . F'dan l-istadju ma jinstenghux la xhieda u l-anqas l-appellant innifsu jew l-avukat tieghu , ghalkemm kif ghedt waqt ix-xhieda tieghi tas-26 ta' Mejju 2021, ma hemm xejn xi jwaqqaf lill-appellanti milli taghmel sottosmissjonijiet bil-miktub."* (a' fol 242).

Minn dan il-bran joħrog ċar ħafna l-funzjoni tat-Tribunal f'każ ta' appell, dejjem jekk jista jissejjah hekk, minn deċiżjoni ta' applikazzjoni li titqies bħala manifestament infondat. Imma l-Qorti ma tistax taqbel mal-aħħar parti ta' din xhieda. Aktar minn hekk, fil-waqt li taħt artikolu 7(1) huwa presumibbli li d-deċiżjoni tkun motivata, mhux hekk fil-każ ta' proċedura aċċellerata għalkemm artikolu 23(5) jipprovdi li:

*Meta,wara li jsiru l-proċeduri msemmija fid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, applikazzjoni tiġi miċħuda, iċ-Chairperson tat-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjon internazzjonali <u>għandu jibgħat kopja tad-deċiżjoni motivata lill-Ministru u lill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali</u>.*

Ma jidhirx li l-applikant jingħata kopja tal-motivazzjonijiet . Il-liġi hija għal kollox siekta dwar jekk l-applikant jistax jitlob kopja. Di piu' l-istess artikolu projbixxi kull appell jew rikors għal xi Tribunal ieħor. Il-Qorti tistqarr , li ssibha ħaġa stramba u biżantina, kif l-applikant jirċievi ittra xotta għall-aħħar bħal dik tas-17 ta' Diċembru 2020 u l-motivazzjoni taċ-ċaħda, l-aktar li tikkonċernaħ, tintbagħat lill-Ministru. F'ċirkostanza it-titolu ta' Tribunal ta' Appelli hija denominazzjoni impropja u cioe' *misnomer.* Aktar milli Tribunal, fil-każ ta' proċedura aċċelerata, b'konsegwenza li applikazzjoni titqies bħala manifestament infondata, ikun aktar preċiż li jingħad li si tratta ta' korp reviżorju *sui generis* li minnu ma hemmx appell taħt l-Att. Il-Qorti ma tqies li din hija ħaga sewwa.

Kwantu dak li tgħid din il-liġi inkwantu ma tippermetti ebda appell jew sindikabbilita' mill-Qrati ordinarji, din il-Qorti tiribadixxi l-prinċipju li fejn dawn jidhrilhom li trid issir ġustizzja , projbizzjonijiet bħal dawn ma jorbtuhomx. Huwa indubitat li s-sistema Maltija, li hija imfassla fuq dik Ingliża, tħaddan bħala l-akbar garanzija l-prinċipju tas-saltna tad-dritt. F'dan ir-rigward l-awturi ingliżi **Wade & Forsyth** josservaw dan:

"*The British Constitution is founded on the rule of law, and administrative law is the area where this principle is to be seen in its most active operation. The rule of law has a number of meanings and corollaries. Its primary meaning is that everything must be done according to law. Applied to the powers of government, this requires that every government authority which does some act which would otherwise be a wrong (such as taking a man's land), or which*

*infringes a man's liberty (as by refusing him planning permission), must be able to justify its action as authorised by law – and in nearly every case this will mean authorised by Act of Parliament. Every act of governmental power, i.e every act which effects the legal rights , duties , or liberties of any person must be shown to have a strictly legal pedigree*." (**Emfażi ta' din il-Qorti . Wade & Forsythe , Adminstrative Law; 8 th Edt; pg 21**).

Minn dan il-passaġġ jemerġu żewġ punti importanti. L-ewwel, li dawn il-Qrati qatt ma jistgħu jkunu miżmuma milli jissindikaw l-aġir tal-Esekuttiv, anke jekk il-liġi ordinarja espressament tipprovdi għal din l-esklużjoni . It-tieni , li esklużjoni bħal din għandha dejjem titqies bħala *pro non scripta,* iġifieri daqs li kieku mhux miktuba fil-liġi.

F'dan ir-rigward din il-Qorti tirribadixxi l-prinċipju li l-Qrati Maltin huma krejaturi Kostituzzjonali. Bħala tali, għandhom il-poter assolut fdat lilhom mill-Kostituzzjoni li jannullaw anke liġi tal-Parlament aħseb u ara kemm aktar jiskrutinaw l-aġir ta' xi Awtorita' jew Tribunali li jkollom funzjoni kważi-ġudizzjarja. Il-Qrati għandhom din il-fakulta' indiskussa li toriġina mill-Kostituzzjoni, l-ogħla liġi tal-pajjiż, u mhux minn xi liġi ordinarja sabiex jassiguraw is-saltna tad-dritt indipendentement minn dak li jipprovdi il-leġislatur permezz ta' liġijiet ordinarji. Dawn il-liġijiet jibqgħu dejjem subordinati għall-iskrutuniju tal-Qrati sija dwar il-legalita' tal-liġi nnifsha u kif ukoll fil-mod kif jiġu applikati (Ara fost oħrajn **Sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-24 ta' Frar, 2012 fl-ismijiet Avukat Ġenerali -vs- Kap tas-Servizz tas-Sigurta` et**).

Il-Qorti tkompli issaħħaħ il-fhema tagħha f'dan ir-rigward anke minn dak li jiddisponi l-artikolu 123(10) tal-Kostituzzjoni li għid hekk:

*Ebda disposizzjoni ta' din il-Kostituzzjoni illi xi persuna jew awtorità ma tkunx suġġetta għad-direzzjoni jew kontroll minn xi persuna jew awtorità oħra fl-eżerċizzju ta' xi funzjonijiet skontdin il-Kostituzzjoni ma għandha tinftiehem bħala li tippreklud iqorti milli teżerċita ġurisdizzjoni dwar xi kwistjoni jekk dik il-persuna jew awtorità tkunx qdiet dawk il-funzjonijiet skont din il-Kostituzzjoni jew xi liġi oħra*

Dan ifisser li l-Kostituzzjoni stess tfisser li ma tridx li teskludi l-Qrati milli jissindikaw l-għemil ta' Awtorita' anke meta din ma tkunx soġġetta għad-direttivi jew kontroll minn xi persuna oħra. Mela kemm aktar jekk ikun għemil ta' xi Awtorita' li taġixxi skont xi liġi ordinarja.

F'dan l-istadju l-Qorti tħoss ukoll li għandha tikkumenta dwar dak li xehed is-Segretarju tat-Tribunal. L-ispjegazzjoni tiegħu kienet ċara ħafna , iżda l-Qorti ma tistax taqbel mal-konklużjoni li wasal għaliha meta qal , li l-liġi ma tgħid xejn dwar jekk ir-rikorrenti kellhiex dritt ta' appell, għalhekk skont dan ix-xhud ma kien hemm xejn xi jżomm lir-rikorrenti milli tagħmel appell.

Qabel xejn fil-każ ta' proċedura daqstant importanti bħal dik ta' appell, il-liġi għandha tipprovdi għalih espressament. Il-proċedura ma tista' tkun qatt implicita. Il-Kap 420 meta ried li jkun hemm appell provda espressament għalih u wkoll b'ċertu dettal. Huwa prinċipju ġenerali tal-interpretazzjoni tal-liġi li *ubi lex*

*voluit dixit* u *nemo debemus distinguere ubi lex non distinguit.* Dan japplika b'aktar saħħa meta il-paraguni jistgħu isiru bejn regola oħra li jkunu fl-istess liġi.

Imiss li tkun ikkunsidrata r-risposta tal-Avukat Tal-Istat dwar jekk dak li jkun deċiż mill-Aġenzija ma jammontax għal dak li jrid l-artikolu 39(2) u 6 tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament u cioe' *"a determination of a civil right or of a criminal offence"*. Jekk dan huwa l-każ allura *ne plus ultra* u l-azzjoni rikorrenti taqa' u tikkrolla. Din il-Qorti hija konsapevoli tas-Sentenzi ċitati mill-avukat tal-Istat fin-nota tiegħu fir-rigward.

Mingħajr ma hemm ħtiega li din il-Qorti tagħti lista twila ta' Sentenzi fuq dan il-punt huwa suffiċjenti li ssir referenza għall-insenjament tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każi ta' **H vs Belgium tal-1997, Hamer vs France tal-1996** u **Giorgiadis vs Greece tal-1997** . F'dawn is-Sentenzi intqal li ma jissusstitwix ir-rekwiżit ta' kontestazzjoni kif imsemmi fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni. It-talba għal status ta' refuġjat mhix proċedura fejn hemm forma ta' kontestazzjoni. Din issir wara applikazzjoni fejn tittieħed id-deċiżjoni in segwitu ta' talba fejn wieħed jadixxi l-Aġenzija għal talba ta' istatus ta' refuġjat.

F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li jgħidu l-awturi dwar dan l-artikolu. **Harris, O`Boyle & Warbrick fil-ktieb "Law of the European Convention on Human Rights" - Second Edition – 2009 – Oxford f'pagna 201** jgħidu hekk :

"*The Court (b`riferenza ghall-Qorti ta` Strasbourg) has stressed that "the right to a fair trial holds such prominent a place in a democratic society that there can be no justification for interpreting Article 6(1) of the Convention restrictively" (Perez v France – 2004-I ; 40 EHRR 909 para 64 GC)."* Ikomplu hekk f'paġna 202 : "*The Court also allows States a wide margin of appreciation as to the manner in which national courts operate , A consequence of this is that in certain contexts the provisions of Article 6 are as much obligations of results as of conduct, with national courts being allowed to follow whatever particular rules they choose so long as the end result can be seen to be a fair trial.*" Ikomplu jispjegaw f'paġna 204 li "*In some contexts a breach of Article 6 will only be found to have occurred upon proof of "actual prejudice" to the applicant."*

Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-pronunzjamenti kemm tal-Qorti Ewropeja u kif ukoll ta' dawn il-Qrati dwar xi tfisser determinazzjoni ta' drittijiet ċivili. Hassew li għandhom jgħidu li applikazzjoni bħal dik li għandha quddiemha din il-Qorti ma taqax fi-definizzjoni mogħtija kemm taħt artikolu 6(1) u 39(2) tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni rispettivament. Din il-Qorti ma taqbilx ma dan.

Il-Qorti tħoss li fil-każ ta' applikazzjoni għall-stat ta' refuġjat, il-frażi drittijiet ċivili ma għandiex tingħata interpretazzjoni ristrettiva. Dan kif jispjegaw l-awturi fuq imsemmija b'referenza għal-każ ta' **Perez -vs- France 2004-I** .Fil-każ ta' refuġjat, dejjem jekk ikollu raġun fil-mertu tal-applikazzjoni, ma hemm xejn aktar determinanti minn dik li jakkwista dan l-istat li bis-saħħa tiegħu ser ikun qiegħed jeżerċita drittijiet ta' natura ċivili li f'każ li jiġi rimpatrijat ma jkunx jista' jeżerċithom. L-otteniment ta' stat ta' refuġjat huwa fih innifsu is-sors tas-setgħa

tal-eżerċizzju ta' għadd ta' drittijiet ċivili. F'dan l-istadju ma għandhomx ikunu konfużi l-kwistjoni ta' x'jammonta għal dritt ċivili u l-fondattezza tat-talba għall-istat ta' refuġjat. Ta' l-ewwel huwa stadju ta' natura proċedurali li jabilita' lil din il-Qorti biex fit-tieni stadju teżamina fil-mertu din it-talba.

Il-ECHR tispjega li "*Whether or not a right is to be regarded as civil within the meaning of that term in the Convention must be determined by reference not only to its legal classification but also to its substantive content and effects under the domestic law of the State concerned.*" (***König v. Germany*, judgment of 28 June 1978, Series A no. 27, p. 30, § 89**). Hija għalhekk , il-fhema soda ta' din il-Qorti , li biex tasal għall-konklużjoni jekk il-kwistjoni titrattax dritt ċivili kif trid il-liġi jrid isir apprezzament tal-konsegwenzi fuq l-individwu fl-evetwalita' ta' caħda tal-akkwist ta' status ta' refuġjat. Mhux wisq jimporta kif il-liġi domestika tiddeskrivi l-proċess daqs kemm huwa importanti l-konsegwenzi rejali u l-prova ta' dak li l-awturi jsejjħu aktar 'il fuq bħala "*proof of actual prejudice".* Għalhekk il-Qorti tara li d-deċiżjoni ta' Awtorita' , partikularment bis-sistema aċċelerata, jekk il-persuna għandiex tingħata stat ta' refuġjat jew li jkun rimpatrijat lejn stat li huwa retrogradu fejn ma jkunx jista' jeżerċita dawk id-drittijiet ċivili li joffri stat progredit,taqa' fil-klassifikazzjoni ta' dritt ċivili per eċċellenza.Il-Qorti tippuntwalizza li din il-konsiderazzjoni hija għal kollox indipendenti mill-konsiderazzjoni *ad funditus* tal-mertu tal-każ.

Di piu', il-Qorti ma tistax ma tosservax, li f'każ li ma jkunx jaqa' taħt il-proċedura aċċellerata, kif diġa' ingħad, il-liġi tipprovdi għall-proċedura ta' appell pjuttost elaborata. Din fiha innifisha hija indikattiva , li minkejja li l-

Aġenzija ma hiex Tribunal fis-sens wisgħa tad-definizzjoni, hemm element qawwi tal-'*adverserial system*' li tirrendi kemm lill-Aġenzija u kif ukoll lit-Tribunal tal-Appelli bħala entitajiet kważi-ġudizzjarji. Kif ser jingħad aktar 'l quddiem , dan anke għandu rifless fuq is-sistema aċċellerata, bħal każ li għandha quddiemha din il-Qorti.

Fl-aħħar nett, fuq dan il-punt , il-Qorti tagħmel referenza għaż-żewġ artikoli rilevanti tal-Kostitiuzzjoni u tal-Konvenzjoni . Dawn iż-żewġ artikoli ma humiex riflessjoni preċiża ta' xulxin. Art 6(1) tal-Konvenzjoni jitkellem dwar deċiżjoni tad-**drittijiet ċivili**. Mentri 39(2) tal-Kostituzzjoni jirreferi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew **obbligi ċivili.** Għalkemm din il-Qorti ma għandiex spjegazzjoni għal din id-divergenza fir-rigward tal-mod kif tintuża il-kelma 'civili', huwa indiskuss li dan l-artikolu ma jipprovdiex biss għal drittijiet iżda ukoll obbligi. Din il-Qorti temmen għalhekk, li l-użu tal-kelma 'obbligi' ma hiex indirizzata biss lejn individwu per se iżda anke lejn l-Istat, meta dan jonqos mill-obbligu tiegħu li jħares u jipproteġi d-drittijiet fundamentali tal-Bniedem, kif fil-fatt temmen li qed jagħmel fil-każ ta' applikazzjonijiet għall-istat ta' refuġjat. Di fatti, kif ser jingħad aktar 'l isfel, artikolu 3 tal-Liġi jagħmel referenza għall-fatt li l-istat Malti assuma l-obbligi li jemerġu mid-Direttivi tal-EU, fosthom dik li qed tkun ikkunsidrata f'din is-Sentenza.

Għalhekk din il-Qorti qiegħda tiċħad ir-risposta numru 6 tal-Avukat Tal-Istat.

Il-Qorti tħoss li jkun utli li qabel kollox għandha *ticcita in extenso* dak li tipprovdi d-Direttiva tal-Kunsill numru 2005/85/EC li għandha rilevanza diretta

għall-vertenza odjerna. Dan huwa importanti għall-aħjar apprezzament tar-ragjonament ta' din il-Qorti:

*Chapter ll*

*Article 10*

***Guarantees for applicants for asylum***

*1.With respect to the procedures provided for in Chapter III, Member States shall ensure that all applicants for asylum enjoy the following guarantees:*

*(a)they shall be informed in a language which they may reasonably be supposed to understand of the procedure to be followed and of their rights and obligations during the procedure and the possible consequences of not complying with their obligations and not cooperating with the authorities. They shall be informed of the time-frame, as well as the means at their disposal for fulfilling the obligation to submit the elements as referred to in Article 4 of Directive 2004/83/EC. This information shall be given in time to enable them to exercise the rights guaranteed in this Directive and to comply with the obligations described in Article 11;*

*(b)they shall receive the services of an interpreter for submitting their case to the competent authorities whenever necessary. Member States shall consider it necessary to give these services at least when the determining authority calls upon the applicant to be interviewed as referred to in Articles 12 and 13 and appropriate communication cannot be ensured without such services. In*

*this case and in other cases where the competent authorities call upon the applicant, these services shall be paid for out of public funds;*

*(c)they shall not be denied the opportunity to communicate with the UNHCR or with any other organisation working on behalf of the UNHCR in the territory of the Member State pursuant to an agreement with that Member State;*

*(d)they shall be given notice in reasonable time of the decision by the determining authority on their application for asylum. If a legal adviser or other counsellor is legally representing the applicant, Member States may choose to give notice of the decision to him/her instead of to the applicant for asylum;*

*(e)they shall be informed of the result of the decision by the determining authority in a language that they may reasonably be supposed to understand when they are not assisted or represented by a legal adviser or other counsellor and when free legal assistance is not available. The information provided shall include information on how to challenge a negative decision in accordance with the provisions of Article 9(2).*

*2.With respect to the procedures provided for in Chapter V, Member States shall ensure that all applicants for asylum enjoy equivalent guarantees to the ones referred to in paragraph 1(b), (c) and (d) of this Article.*

*Article 23 (4).*

*Member States may also provide that an examination procedure be prioritised or accelerated* ***in accordance with the basic principles and guarantees of Chapter*** *II if……* (Emfażi ta' din il-Qorti).

*Article 35*

***Border procedures***

*1.Member States may provide for procedures, in accordance with the basic principles and guarantees of Chapter II, in order to decide at the border or transit zones of the Member State on applications made at such locations.*

*2.However, when procedures as set out in paragraph 1 do not exist, Member States may maintain, subject to the provisions of this Article and in accordance with the laws or regulations in force on 1 December 2005, procedures derogating from the basic principles and guarantees described in Chapter II, in order to decide at the border or in transit zones as to whether applicants for asylum who have arrived and made an application for asylum at such locations, may enter their territory.*

*3.The procedures referred to in paragraph 2 shall ensure in particular that the persons concerned:*

*(a)are allowed to remain at the border or transit zones of the Member State, without prejudice to Article 7;*

*(b)are be immediately informed of their rights and obligations, as described in Article 10(1) (a);*

*(c)have access, if necessary, to the services of an interpreter, as described in Article 10(1)(b);*

*(d)are interviewed, before the competent authority takes a decision in such procedures, in relation to their application for asylum by persons with appropriate knowledge of the relevant standards applicable in the field of asylum and refugee law, as described in Articles 12, 13 and 14;*

*(e)can consult a legal adviser or counsellor admitted or permitted as such under national law, as described in Article 15(1); and*

*(f)have a representative appointed in the case of unaccompanied minors, as described in Article 17(1), unless Article 17(2) or (3) applies.*

***Moreover, in case permission to enter is refused by a competent authority, this competent authority shall state the reasons in fact and in law why the application for asylum is considered as unfounded or as inadmissible**.* (Emfażi ta' din il-Qorti).

Huwa ċar li l-prinċipji bażiċi elenkati fir-regolament 10 huma maħsuba li jiggrantixxu il-minimu ta' drittijiet li għandu jkollu applikant għall-azil ossia stat ta' refuġjat. L-anqas ma hemm dubbju li dawn il-minimu ta' prinċipji bażiċi huma mgħotija biex jissalvagwardjaw id-drittijiet fundamentali tal-persuna kif imħarsa mill-Konvenzjoni. Dritt li jeżisti ukoll taħt il-Kostituzzjoni Maltija.

Joħroġ ukoll ċar , li l-proċedura aċċelerata f'artikolu 23 tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta titnissel mir-regolament 23(4) tad-Direttiva. Dan ir-regolament

jagħmilha ċara li anke din il-proċedura trid tosserva l-minimu ta' garanzija li joffri ir-regolament 10 taħt titolu II tad-Direttiva. Haġa li ma jirriżultax li saret. L-anqas ma tista' din il-Qorti ma tosservax li fil-każ tad-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Appelli dwar applikazzjoni manifestament infondata , filwaqt li l-motivazzjonijiet jintbgħatu lill-Ministru, ma jingħatawx lill-applikant. B'dana kollu raġunijiet dettaljati jingħataw lil min ikun irid jidħol mill-fruntiera skont artikolu 35 (2) tad-Direttiva. Il-konklużjoni tat-Tribunal aktar jinteressaw mil-qrib lill-applikant milli lill-Ministru, għalkemm ma hemm xejn ħażin fil-fatt li tingħatalu kopja.

Il-Qorti tfakkar li fil-liġijiet ordinarji ma hemm xejn daqstant sagru li minkejja dak li jiddisponu, meta dawn liġijiet kollha jew f'parti minnhom , jkunu anti-kostituzzjonali xorta waħda jibqgħu attakkabli. in fatti artikolu 7(1) tal-liġi jgħid hekk:

*Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra,**iżda mingħajr preġudizzju għall-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea**, id-deċiżjoni tat-Tribunal tkun waħda finali u konklussiva u ma tkun tista' tiġi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti tal-ġustizzja, ħlief taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7A* (Emfażi ta' din il-Qorti).

F'din il-parti tal-liġi l-legislatur, b'antiċipu lemaħ il-possibilita' li jista' jagħti l-każ li partijiet tal-liġi jkunu kontestati, bħal ma fil-fatt qegħdin ikunu f'din il-Kawża. Għalhekk din il-Qorti issibha ħaġa anomala ħafna li l-applikant ma jingħatax kopja tar-raġunament tad-deċiżjoni tat-Tribunal biex b'hekk ikun jista' jirregola ruħu jekk ikun il-każ.

Fil-każ ta' Appelli mid-deċiżjoni tal-Awtorita' lit-Tribunal tal-Appelli minn applikazzjonijiet li ma jkunux meqjusa bħala manifestament infondati, il-minimu ta' garanziji li joffri ir-regolament 10 tad-Direttiva, jidhru li huma sostanzjalment sodisfatti. Il-Qorti ma tistax tgħid l-istess għall-każ ta' proċedura aċċelerata. Indipendentement minn kull konsiderazzjoni oħra, tajjeb jew ħażin, regolament 23(4) tad-Direttiva huwa adamanti li anke fil-każ ta' din il-proċedura, il-minimu ta' garanzija tad-drittijiet elenkati f'dan ir-regolament huma applikabbli ugwalment. Dan qiegħed jingħad anke fid-dawl li artikol 2 tal-Kap 420, fil-parti interprettativa hemm referenza għad-Direttiva li qed tkun tratta. Mhux hekk biss, iżda artikolu 3 tal-liġi jagħmilha ċara li l-Att *jinkorpora l-obbligazzjonijiet li Malta assumiet taħt il-Konvenzjoni* ***u l-obbligazzjonijiet tagħha taħt id-Direttivi****.* (Emfażi tal-Qorti).

Kif din il-proċedura tista' tkun aċċelerata, ma hux kompitu ta din il-Qorti li tarah. Dak li għandha quddiemha il-Qorti huwa biss talba għal dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem. Aktar minn hekk, din il-Qorti ma tarax kif kwistjoni bħal din, qatt tista' tkun indirizzata b'azzjoni taħt artikolu 469A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, peress li f'dan ir-rigward , id-defiċjenza ma hiex la tal-Aġenzija u l-anqas tat-Tribunal iżda tinsab intrinsikament fil-liġi.

Għalhekk jirriżulta, li fid-dawl tal-obbligazzjoni li assuma l-Istat Malti, għar-raġunijiet imsemmija aktar 'l fuq, il-minimu ta' garanziji li toffri id-Direttiva taħt artikolu 10 ma ġewx adottati jew trasposti fil-liġi tagħna fil-każ ta' proċedura aċċelerata taħt artikolu 23 tal-Kap 420. Il-Qorti diga' qieset, li dawn il-garanziji jiggarantixxu smiegħ xieraq inkwantu jagħtu opportunita lill-applikant jressaq il-

każ tiegħu kif titlob il-liġi. Għalhekk, konsegwentement din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li rikorrenti għandha raġun f'dan l-aspett ta' natura Kostituzzjonali.

Fl-aħħar nett il-Qorti eżaminat ukoll il-proċedura, xejn ortodossa, taħt artikolu 23(3) tal-liġi . fil-każ li l-aġenzija ssib l-applikazzjoni manifestament infondata għandha tibgħat din id-deċiżjoni minnufih lit-Tribunal, li anke f'dan il-każ jibqa' jissejjaħ tal-Appell. Din ir-referenza hija waħda unilaterali u awtomatika. F'ebda ħin ma hemm il-konvolġiment tal-applikant. Il-Qorti għandha dubbji serji jekk dan ikunx jaf. Xoghol it-Tribunal huwa wieħed, dak li jeżamina u jirrevedi.

Fil-fehma tal-Qorti reviżjoni bħal din titlob li ż-żewġ naħat għandhom ikollom l-opportunita' li jressqu l-każ tagħhom. Imma l-applikant ma jiċċentra mkien f'dan l-istadju tal-proċess! Għalhekk biss, din il-Qorti ma tistax tifhem kif qatt tista', l-anqas bit-tiġbid tal-immaġinazzjoni, tikkonsidra , li dan it-Tribunal huwa imparzjali meta qiegħed jitqiegħed mill-liġi f'posizzjoni li jisma' u jikkunsidra biss dak li jirċievi mill-Aġenzija deċiżjoni,fi kwistjoni li tista' tkun ta' ħajja jew mewt għall-applikant. Il-Qorti tfakkar li dawn il-Qrati dejjem sostnew li *l-principji ta' gustizzja naturali jitqiesu dejjem materja ta' dritt, anzi ta' dritt pubbliku, u n-nuqqas ta' osservanza taghhom jaghti mhux biss dritt ta' appell meta dan hu koncess (anke jekk limitatament fuq punt ta' dritt), izda ukoll ghad-dritt ta'review mill-Qrati ordinarji.* (Ara **Sentenza ta' l-14 ta' Ottubru, 2004 fl-ismijiet A & J Hili Ta' Miema Ltd Vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizju , P.A [Sede Kostituzzjonal**i]).

Fl-aħħar nett ir-rikorrenti titlob ukoll dikjarazzjoni li inkiser artikolu 13 tal-Konvenzjoni. Dan l-artikolu jiddisponi hekk:

*Kull min* ***ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni*** *għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minnpersuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali.*(Emfażi ta' din il-Qorti).

Minn dan l-artikolu jemerġi , li r-rimedju effettiv irid jingħata **wara** li jkun dikjarat li kien hemm ksur ta' xi dritt fundamentali. Dan jista' jkun desunt mill-kliem ta' dan l-artikolu stess u għalhekk il-parti sottolinejata. Dan l-artikolu jindirizza lil dak it-Tribunal jew Qorti li tkun adita għaldaqshekk bħal ma fil-fatt hija din il-Qorti. Dan huwa artikolu li l-effetti tiegħu huma *ex nunc* u mhux *ex tunc*.

Għalhekk din il-Qorti ser tkun qed tastjeni minn din it-talba ġjaladarba ir-rimedju effettiv ser ikun qiegħed jingħata b'din is-Sentenza.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** rikorrenti u tiddikjara li artikolu 23 tal-Kap 420 tal-liġijiet ta' Malta , sa fejn mhux kompatibbli ma dak fuq spjegat, jilledi id-dritt fundamentali tar-rikorrenti kif imħares minn artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni pero' **ticħad** dik il-parti tat-talba inkwantu tirrigwarda il-ksur tal-artikolu 32(a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta għar-raġunijiet fuq spjegati.

**Tilqa' it-tieni talba** rikorrenti u tiddikjara li l-artikolu 23 tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta, sa fejn mhux kompatibbli ma' dak fuq spjegat, jilledi d-dritt fundamentali tar-rikorrenti pero' **tiċħadha** inkwantu tirrigwarda il-ksur tal-artikolu 47 tat-Trattat Ewropew tad-Drittijiet Fundamentali għar-raġunijiet fuq spjegati u **tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tat-talba rikorrenti inkwantu jirrigwarda l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni għar-raġunijiet spjegati.

**Tiċħad it-tielet talba** rikorrenti.

**Tilqa ir-raba' talba** tar-rikorrenti u tordna li l-imsemmi Tribunal jittrata mill-ġdid il-każ tar-rikorrenti u qabel jasal għall-konklużjoni tiegħu, jimxi mal-garanziji minimi elenkati f'artikolu 10 fuq imsemmi, tad-Direttiva tal-Kunsill tal-Ministri 2005/85/EC.

Spejjeż għall-Aġenzija intimata.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**